Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,635, 30 ta' April, 2026

Taqsima B

A.L. 116 tal-2026

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għall-prodotti tal-Karta, Plastiks, Kimiki u Petroleum

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għal impiegi u relazzjonijiet industrijali għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu, bidu fis-seħħ u applikabbiltà.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijet ta' Xogħol għall-Prodotti tal-Karta, Plastiks, Kimiki u Petroleum.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta.

(3) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-ordni għandhom japplikaw għall-impjegati kollha f'kwalunkwe impriża jew parti minn impriża li l-attivitajiet tagħha jikkonsistu għalkollox jew prinċipalment f'kwalunkwe waħda li ġejjin:

(a) l-estrazzjoni, il-preparazzjoni, l-ipproċessar jew il-manifattura ta' melħ tal-mejda, żjut ta' kwalunkwe xorta, xaħmijiet, marġarina u prodotti simili, kimiki, inkluż petroleum, jew prodotti kimiċi, iżda eskluži impjegati li jaħdmu f'kalkari tal-ġir;

(b) il-manifattura tal-karta, l-ippakkjar jew il-manifattura ta' oġġetti magħmula għalkollox jew prinċipalment mill-karta, inklużi boroż tal-karti u pitazzi;

(ċ) il-manifattura tal-kartun jew l-oġġetti magħmula għalkollox jew prinċipalment mill-kartun, inklużi kaxxi jew reċipjenti tal-kartun;

(d) l-ipproċessar jew il-manifattura ta' plastiks u l-oġġetti magħmula għalkollox jew prinċipalment mill-plastiks inklużi boroż tal-polythene, qliezet tat-trabi tal-plastik, fradal tal-plastik u lbies ieħor tal-plastik, oġġetti tal-polythene għat-tgeżwir u l-materjal tal-plastik għall-insulazzjoni, iżda eskluži:

(i) bagalji, brief cases, handbags, basktijiet tax-xiri

u basktijiet oħra ta' natura simili;

(ii) tessili magħmula minn fibri tal-plastiks;

(iii) sinjali tan-neon;

(e) il-manifattura tal-ġojjellerija ta' imitazzjoni, inkluża costume jewellery:

Iżda f'każ illi jkun hemm ftehim kollettiv applikabbli għall-klassi ta' impjegati li huma koperti b'dan l-ordni, il-kondizzjonijiet l-iktar favorevoli f'dak il-ftehim jew f'dan l-ordni għandhom jipprevalu.

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, kemm-il darba l-kuntest tal-kliem ma jeħtieġx xort'oħra:

Kap. 452.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

Kap. 252.

"festi tas-soltu" tfisser il-ġranet għajr il-Ħdud, iddikjarati għal dak iż-żmien bħala festi pubbliċi taħt l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra;

"ftehim kollettiv" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"ġimgħa" tfisser ġimgħa kalendarja;

"ġurnata" tfisser fil-każ ta' impjegati bix-xift, perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa konsekuttivi u fil-każijiet l-oħrajn kollha tfisser perjodu li jibda minn 12:00a.m. ta' ġurnata sa 12:00p.m. tal-ġurnata ta' wara;

"ħin doppju" tfisser id-doppju tar-rata attwali tal-ħin li tapplika għall-impjegat;

"ħin u nofs" tfisser darbtejn ir-rata attwali tal-ħin li tapplika għall-impjegat;

"ħinijiet tax-xogħol" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat bix-xift" tfisser impjegat li jkun impjegat ġurnata shift bin-nhar u ġurnata shift bil-lejl abbażi ta' ċiklu regolari;

"impjegat part-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat tas-sengħa" tfisser impjegat li għandu taħriġ jew għarfien partikolari fis-sengħa jew fuq makkinarju konness mas-sengħa li jaħdem fiha u li jkun kapaċi juri ħiltu;

"impjegat whole-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"kimiki" tinkludi kimiki industrjali bażiċi, gassijiet, fertilizzanti, gomma naturali jew sintetika u petroleum, iżda teskludi gassijiet għall-użu domestiku u plastiks;

"learner" tfisser persuna li ma hijiex apprendista, li għandha aktar minn erbatax (14)-il sena iżda anqas minn dsatax (19)-il sena u li qed tiġi mħarrġa f'xogħol li għalih japplika dan l-ordni, u li għaliha l-prinċipal ikollu permess maħruġ skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ; Kap. 594.

"nofs ta' nhar" tfisser perijodu ta' tnax (12)-il siegħa konsekuttivi li jispiċċa f'12:00p.m. jew f'12:00a.m.;

"paga" tfisser remunerazzjoni jew qligħ li jitħallsu bi flus minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kwalunkwe bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 tal-Att, għajr kwalunkwe bonus jew allowance relatat mal-prestazzjoni jew mal-produzzjoni;

"perjodu ta' impjieg" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"perjodu ta' mistrieħ" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol; L.S. 452.87.

"plastiks" tfisser kwalunkwe materjal li jinkludi resini sintetiċi, li fih bħala ingredjenti essenzjali sustanza organika ta' piż molekulari kbir, li jkun solidu meta jitlesta u, f'xi stadju tal-manifattura tiegħu jew fl-ipproċessar tiegħu f'oġġetti finali, jista' jiġi ffurmat bil-flow;

"prodotti kimiċi" tinkludi sulfarini, żebgħa, vernič, lacquers, xemgħat, sapun, detersivi sintetiċi, bitumen, emulsjonijiet bituminużi u oġġetti oħra magħmula għalkollox jew prinċipalment minn gomma naturali jew sintetika, iżda teskludi tessili magħmula minn fibri naturali jew artifiċjali, u l-manifattura, it-tiswija jew l-immuntar mill-ġdid u r-restawrar ta' tajers;

"sahra" tfisser kwalunkwe ħin li jinħadem fil-Ħdud u l-festi tas-soltu, jew 'il fuq mill-ħinijiet normali ta' xogħol tal-

istabbiliment, kif miftehma bejn il-prinċipal u l-impjegat;

"xift billejl" tfisser kull perijodu ta' impjieg li jinkludi kwalunkwe sigħat bejn l-10.00p.m. ta' ġurnata sas-6:00a.m. tal-ġurnata ta' wara.

Ħinijiet ta' xogħol.

3. Il-paga minima fil-ġimgħa għandha tkun relatata ma' ġimgħa ta' mhux aktar minn:

(a) erbgħa u erbgħin (44) siegħa xogħol fil-każ ta' impjegati whole-time li mhumiex għassiesa; u

(b) sittin (60) siegħa xogħol fil-każ ta' għassiesa, imqassma fuq ġimgħa ta' sitt (6) ijiem.

Pagi minimi ta' impjegati whole-time.

4. (1) L-impjegati tas-sengħa whole-time ma għandhomx jitħallsu f'kwalunkwe ġimgħa waħda (1) anqas mill-pagi li ġejjin:

(a) matul l-ewwel (1) sena ta' impjieg fis-sengħa.....	€254.71;
(b) matul it-tieni (2) sena u s-snin sussegwenti ta' impjieg fis-sengħa.....	€256.46.

(2) L-impjegati whole-time, għajr l-impjegati tas-sengħa u għassiesa ma għandhomx jitħallsu anqas minn €252.38 f'ġimgħa waħda (1).

(3) L-għassiesa ma għandhomx jitħallsu anqas minn €344.16 f'ġimgħa waħda (1).

Allowance għal xift ta' billejl.

5. Bla ħsara għall-ħlas ta' xi sahra li għaliha tali impjegati jkunu intitolati skont l-artikolu 8, u fejn ma jeżistux allowances oħra għal xifts ta' filgħodu u, jew ta' wara nofs ta' nhar, impjegati whole-time li jaħdmu fuq xift billejl għandhom jitħallsu, b'żieda mal-paga tal-ġimgħa li tapplika għalihom, allowance ta' xift billejl ekwivalenti għal erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (€4.66) fil-ġimgħa.

Allowance tal-uniformi.

6. (1) Meta l-impjegat ikun meħtieġ li jilbes uniformi sabiex iwettaq id-dmirijiet tiegħu, tali uniformi għandha tkun ipprovduta mill-prinċipal mingħajr l-ebda ħlas.

L.S. 646.13.

(2) It-tagħmir protettiv personali skont ir-Regolamenti dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol għandu wkoll jingħata mill-prinċipal mingħajr l-ebda ħlas.

7. L-impjegati kollha għandhom ikunu intitolati għal perjodu ta' mistrieħ kull ġimgħa skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol. Il-mistrieħ minimu fil-ġimgħa. L.S. 452.87.

8. (1) L-impjegati whole-time għajr l-għassiesa għandhom jitħallsu bir-rata ta' ħin u nofs għal sahra maħduma fi ġranet tax-xogħol u b'rati doppji għal xogħol li jinħadem fil-Ħdud. Ir-rata doppja għandha titħallas għal xogħol maħdum fil-festi tas-soltu b'żieda mal-paga normali tal-ġurnata. Rati minimi ta' sahra.

(2) L-għassiesa għandhom jitħallsu s-sahra bir-rata ta' ħin u nofs għal ħin maħdum 'il fuq minn sittin (60) siegħa fuq perjodu ta' sitt (6) ijiem u bir-rati ta' ħin doppju għal xogħol li jsir fis-seba' (7) ġurnata u fil-festi tas-soltu.

9. L-impjegat għandu jkun intitolat għal-leave kull sena skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol. Leave għal vaganza. L.S. 452.87

10. (1) L-impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' sitt (6) ġranet leave għall-mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u l-impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-leave għal mard f'sigħat b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata*: Leave għal mard. Kap. 318.

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għal mard għandhom jitħallsu interament mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn lejn ix-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' assenza jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba fil-leave għal mard;

(ċ) l-impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas tal-leave għal mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Kap. 318.

(2) Il-jeddijiet tal-leave għal mard skont is-subartikolu (1) għandhom japplikaw mill-ewwel (1) jum ta' impjieg:

Iżda l-imsemmija jeddijiet għandhom jiġu kkalkulati *pro rata* skont id-data tal-bidu tal-impjieg fis-sena kalendarja relattiva.

(3) L-impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja wara servizz kontinwu ta' sena (1) jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' tnax (12)-il ġurnata leave għal mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u l-impjegati part-time għandu jkollhom jedd *pro rata* għal-*leave* għal mard f'sigħat b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata*:

Kap. 318.

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave tal-mard għandhom jitħallsu interament mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn lejn ix-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' assenza jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba fil-leave għall-mard;

(ċ) l-impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas tal-leave għal mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

Kap. 318.

(4) L-impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja wara servizz kontinwu ta' sena (1) jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' tnax (12)-il ġurnata oħra leave għal mard b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u l-impjegati *part-time* għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-leave għal mard f'sigħat b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata*:

Kap. 318.

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kwalunkwe talba għal-leave tal-mard għandhom jitħallsu b'nofs paga mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn lejn ix-xogħol jew, jekk it-tali perjodu ta' assenza jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba leave għal mard;

(ċ) l-impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas tal-leave għal mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Kap. 318.

(5) Bla ħsara għas-subartikoli (3) u (4), jekk impjegat whole-time ikun qed ibati minn marda li tiġi prolongata għal perjodu kontinwu li jeċċedi ħmistax (15)-il ġurnata, il-perjodu tal-leave għal mard permess lilu għandu, għal dik is-sena kalendarja, jiġi estiż għall-ekwivalenti f'sigħat ta' ħmistax (15)-il jum leave għal mard b'paga sħiħa, li għandu jiġi segwit bl-ekwivalenti f'sigħat ta' ħmistax (15)-il jum leave għal mard b'nofs paga, u tali leave għandu jitħallas skont is-subartikoli (3) u (4), rispettivament:

Iżda l-impjegati part-time għandhom ikollhom dritt *pro rata* għal tali leave għal mard estiż f'sigħat, u tali leave għandu jitħallas skont is-subartikoli (3) u (4), rispettivament.

(6) Il-prinċipal jista' jeħtieġ ċertifikat mediku maħruġ minn tabib tal-għażla tiegħu li jiċċertifika li l-impjegat mhux tajjeb għax-xogħol matul il-perjodu ta' assenza minħabba fil-leave għal mard.

(7) Il-jedd ta' leave għall-mard mogħti għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi provduta għal-leave annwali kif speċifikat fir-regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol. L.S. 452.87.

11. L-impjegati għandhom ikunu intitolati għall-festi nazzjonali u għall-festi pubbliċi kollha b'paga sħiħa, kull forma ta' leave skont ir-Regolamenti dwar Dritt Minimu ta' *Leave* Speċjali u għal kull forma oħra ta' leave ieħor li tista', minn żmien għal żmien, jiġi stipulat f'Ordni ta' Standard Nazzjonali jew f'regolamenti magħmula taħt l-Att. Tipi ta' leave oħra. L.S. 452.101.

12. L-Ordni għal Kunsill tal-Pagi għall-Prodotti tal-Karta, *Plastics*, Kimiki u *Petroleum* u l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għall-Prodotti tal-Karta, *Plastics*, Kimiki u *Petroleum* biex jirregola l-Pagi huma b'dawn imħassra bla ħsara għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħthom. Tħassir u riżervi. L.S. 452.36. L.S. 452.37.